MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 275/2010

**Maureen Greaves**

**Vs**

**Lorenza Bugeja u zewgha Emanuele Bugeja**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attrici s-somma ta’ erbat elef u hames mija u sittin Ewro (€4560) rapprezentanti somma flus mislufa brevi manu lill-konvenuti li baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagamenti kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Lorenza Bugeja u ta’ Emanuele Bugeja fejn esponew:

Illi fil-fatt l-esponenti hija debitrici biss tal-ammont ta’ elf erba’ mija u sittin Ewro (€1460);

Illi ammont precitat kien gie misluf lil Lorenza Bugeja fuq insistenza ta’ Maureen Greaves stess stante illi kienet taf li fil-mument li ghaddew il-flus, Lorenza Bugeja ma kienitx f’qaghda finanzjarja tajba u fil-fatt meta din tal-ahhar qaltilha li ma kienitx f’qaghda illi thallas b’mod immedjat, Maureen Greaves qaltilha li ma kienx jimporta u dana stante illi Lorenza Bugeja kienet ghamlet hafna maghha fil-passat;

Illi ghall-kumplament tad-debitu l-esponenti m’hijiex il-legittimu kontradittur stante illi r-rimanenti tlitt elef u mitt Ewro (€3100) inghataw b’self brevi manu lil Ghasan Kaseb, u mhux lilha, u l-flus ghaddew direttament lilu;

Illi di piu’ kien sar mandat kawtelatorju ta’ sekwestru fil-konfront tal-esponenti u hemm sekwestrati l-ammont ta’ sitt mija u tnax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€612.47), u ghalhekk mid-debitu ta’ elf erba’ mija u sittin Ewro (€1460) jifdal biss bilanc ta’ seba’ mija u sebgha u tmenin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€787.53) u dan anke skond ma ser jirrizulta fil-mori tal-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Fil-kaz odjern hemm zewg verzjonijiet kontrastanti tal-fatti.

*Il-verzjoni tal-attrici*

1. L-attrici u l-konvenuta Lorenza Bugeja kienu hbieb u l-attrici saret taf lil konvenuta meta kienet tmur fil-hanut tal-konvenuta u kienet ilha tafha ghal tlett snin u nofs.[1]
2. L-attrici, Maureen Greaves, selfet is-somma ta' €4560 fi flus kontanti *brevi manu* lil konvenuta Lorenza Bugeja fil-perjodu bejn l-10 ta' Awwissu 2009 sa l-10 ta' Marzu 2010.[2]
3. L-attrici selfet is-somma dawn il-flus lill-konvenuta billi harget flus mill-kont bankarju taghha u anke mill-flus li kellha f'darha.[3]
4. Il-konvenuta kienet wieghdet lill-attrici li se troddilha lura dawn il-flus meta art li kellha s-Sirja kienet se tinbiegh, liema art qatt ma nbieghet.[4]
5. L-attrici fl-10 ta' Marzu 2010 waqfet minn rajha milli ssellef iktar flejjes lill-konvenuta, stante li l-konvenuta qatt ma hallsitha lura xi ammont milli sselfet[5]

*Il-verzjoni tal-konvenuta*

1. Il-kovenuta kienet taf lill-attrici ghal ftit iktar minn sitt snin.[6]
2. Il-konvenuta flimkien mal-business partner Sirjan Ghassan Kasseb kellhom zewg hwienet, fir-Rabat u f'Hal Qormi.
3. Il-konvenuta tghid li l-attrici selfitha is-somma ta' €1460 f'erba' pagamenti –

[1] Ara l-affidavit ta' Maureen Greaves a Dok MG a fol. 20 tal-process.
[2] Ara Dok. MG4 a fol. 30 tal-process.
[3] Ara l-affidavit ta' Maureen Greaves a Dok MG a fol. 20 tal-process.
[4] Ara l-affidavit ta' Maureen Greaves a Dok MG a fol. 20-21 tal-process.
[5] Ara l-affidavit ta' Maureen Greaves a Dok MG a fol. 20-21 tal-process.
[6] Ara x-xhieda in subizzjoni ta' Lorenza Bugeja a fol. 23 tal-process.

Awwissu 2009, Dicembru 2009, Frar 2010 u Marzu 2010. Il-konvenuta tghid li hi kitbet dawn id-dati meta rceviet il-flus, pero ma kitbitx l-ammont li rceviet f'kull data.[7]

4. L-ebda skrittura ma saret ghas-self.[8]
5. Il-konvenuta tghid li l-attrici selfet ukoll flus lil business partner tal-konvenuta, Ghassan Kasseb fl-ammont ta' €600 fil-prezenza tal-konvenuta, liema flus gew imrodda lura.[9]

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dina l-Qorti giet rinfaccata b'zewg verzjonijiet konfligenti: l-verzjoni attrici tghid li hija selfet lil konvenuta Lorenza Bugeja s-somma ta' €4560 tul seba' xhur u qatt ma giet imhallsa lura dik is-somma, mentri l-konvenuta tghid li l-attrici selfitha s-somma biss ta' €1460.

Il-Qorti tosserva li l-kontendenti lanqas qablu fuq fatt suppost newtrali tax-xhieda taghhom - it-tul ta' zmien li kienu ilhom jafu l-xulxin. L-attrici tghid li ilha taf il-konvenuta tlett snin u nofs,[10] mentri l-konvenuta tghid li ilha taf l-attrici ftit iktar minn sitt snin.[11]

Ghalkemm il-kontendenti jaqblu li ma saret l-ebda skrittura dwar dan is-self, il-konvenuta nizlet id-dati meta tghid li l-attrici silfitha l-flus, izda ma nizlitx l-ammonti, filwaqt li l-attrici ezebiet rendikont miktub bl-idejn ta' meta u kemm selfet lill-konvenuta,[12] pero dan ir-rendikont mhux iffirmat mill-konvenuta. Inoltre, il-Qorti tosserva li ghalkemm dan ir-rendikont tal-attrici ikopri l-perjodu bejn l-10

[7] Ara x-xhieda ta' Lorenza Bugeja a fol. 49 tal-process.
[8] Ara x-xhieda ta' Lorenza Bugeja a fol. 49 tal-process.
[9] Ara x-xhieda ta' Ghassan Kasseb a fol. 45 tal-process.
[10] Ara l-affidavit ta' Maureen Greaves a Dok MG a fol. 20 tal-process.
[11] Ara x-xhieda in subizzjoni ta' Lorenza Bugeja a fol. 23 tal-process.
[12] Ara Dok MG 4 a fol. 30 tal-process.

t'Awissu 2009 u l-10 ta' Marzu 2010, jidher miktub f'gurnata wahda u b'pinna wahda – ghalhekk ma jidhirx li d-dati u l-ammonti gew imnizzla mill-attrici f'dan id-dokument *a tempo vergine* meta sar is-self.

L-attrici ezebiet ukoll statements tal-kont bankarju minn fejn hija kienet tigbed il-flus biex, kif tghid hi, issellifhom lill-konvenuta. F'dawn l-istatements bankarji, l-attrici immarkat id-dati tal-gbid tal-flus u l-ammonti li skont hi gew mislufa lill-konvenuta, u li huma s-segwenti:[13]

28 ta' Lulju 2009: €423

[Data ma tidhirx] ta' Settembru 2009: €400

22 ta' Settembru 2009: €400

25 ta' Settembru 2009: €1,700

14 ta' Ottubru 2009: €1,160

24 ta' Dicembru 2009: €400

4 ta' Jannar 2010: €500

4 ta' Frar 2010: €800

24 ta' Frar 2010: €220

10 ta' Marzu 2010: €555

Id-dati u l-ammonti allegatament mislufa lill-konvenuta fir-rendikont ezebit mill-attrici huma dawn li gejjin :[14]

10 ta' Awwissu 2009: €120

11 ta' Awwissu 2009: €140

18 ta' Awwissu 2009: €200

22 ta' Settembru 2009: €600

[13] Ara Dok MG 3 a fol. 31-34 tal-process.
[14] Ara Dok MG 4 a fol. 30 tal-process.

| | |
|---|---|
| 25 ta' Settembru 2009: | €1,700 (li minnhom gew imhallsa €600 fis-6 ta' Ottubru 2009, ghalhekk l-ammont dovut huwa ta' €1,100) |
| 14 ta' Ottubru 2009: | €900 |
| 24 ta' Dicembru 2009: | €200 |
| 4 ta' Jannar 2010: | €500 |
| 24 ta' Frar 2010: | €200 |
| 10 ta' Marzu 2010: | €600 |

L-ammonti u d-dati indikati mill-attrici fuq l-istatements bankarji u r-rendikont minnha ezebit ma jaqblux, hlief ghal zewg ammonti biss u cioe' l-ammont migbud fil-25 ta' Settembru 2009 (€1,700) (li minnhom €600 gew diga' mhallsa) u l-ammont tal-4 ta' Jannar 2010 (€500). L-attrici xehdet li din id-diskrepanza bejn l-ammonti u d-dati fl-istatements bankarji u fir-rendikont taghha kienet dovuta ghal fatt li hija kienet daqqa tigbed mill-kont bankarju taghha u daqqa kienet taghtiha flus milli jkollha d-dar. Fil-fatt l-attrici xehdet hekk: *"...on some occasions not all the money was withdrawn from the bank account because I would have some cash at home and therefore I withdrew the remainder from my bank account."*[15]

Pero, dina l-Qorti tosserva illi jekk dak li xehdet l-attrici huwa minnu, wiehed jippretendi li l-attrici tigbed mill-bank ammont izghar milli dak misluf lil konvenuta, kif fil-fatt jista' jigi osservat li gara fl-10 ta' Marzu 2010 fejn mill-bank gie migbud l-ammont ta' €555 u gie misluf l-ammont ta' €600 u fit-22 ta' Settembru 2009 fejn mill-bank gie migbud l-ammont ta' €400 u gie misluf l-ammont ta' €600. Izda fid-dati l-ohra minkejja li hemm qbil f'certi dati bejn l-istatements bankarji u r-rendikont tal-attrici, xorta wahda l-ammont ma' jaqbilx, ghax mill-istatements bankarji jidher li gew migbuda ammonti iktar gholja minn dawk mislufa.

Inoltre, minkejja li ma semmietx l-ammonti mislufa, il-konvenuta ammetiet li hija sselfet flus

[15] Ara l-affidavit ta' Maureen Greaves f'Dok MG a ol. 20 tal-process.

minghand l-attrici f'Awwissu 2009, f'Dicembru 2009, fi Frar 2010 u f'Marzu 2010 biss.[16] Issa jekk wiehed jghodd l-ammonti li gew mislufa f'dawk id-dati hekk kif mistqarra mill-attrici stess mir-rendikont taghha, isib li dawn jammontaw ghall-ammont ta' €1460 – effettivament is-somma li l-konvenuta tammetti li issellfet minghand l-attrici:

| | |
|---|---|
| 10 ta' Awwissu 2009: | €120 |
| 11 ta' Awwissu 2009: | €140 |
| 18 ta' Awwissu 2009: | €200 |
| 24 ta' Dicembru 2009: | €200 |
| 24 ta' Frar 2010: | €200 |
| 10 ta' Marzu 2010: | €600 |
| Total : | €1460 |

Illi x-xhur meta l-konvenuta tghid li ssellfet il-flus minghand l-attrici gew indikati f'ittra mibghuta mill-konsulent legali tal-konvenuta lill-attrici ddatata 6 ta' Mejju 2010[17], bhala risposta ghall-ittra legali mibghuta mill-attrici fl-4 ta' Mejju 2010[18]. Illi fl-ebda mument, la fl-ittra attrici tal-4 ta' Mejju 2010 u lanqas fl-ittra responsiva taghha[19] ghall-ittra tal-konvenuta tas-6 ta' Mejju 2010 l-attrici ma tat rendikont dettaljat ta' meta u ta' kemm selfet flus lill-attrici. L-ewwel darba li l-attrici tat dan ir-rendikont kien fil-kawza odjerna.[20]

Il-Qorti tosserva illi minkejja li l-konvenuta tghid li ma nizlitx l-ammonti mislufa lilha fix-xhur partikolari, skont ir-rendikont tal-istess attrici fix-xhur imsemmija mill-konvenuta, l-attrici selfet lill-konvenuta s-somma ta' €1460 – l-ammont li l-konvenuta dejjem ammettiet li kellha taghti. Inoltre jekk wiehed jistudja sew l-istatements bankarji tal-attrici, jirrizulta, illi kull xahar, anke f'dati li mhumiex mertu ta' dina l-kawza, l-attrici kienet tigbed ammonti konsiderevoli.

[16] Ara Dok LB 1 a fol. 55 tal-process.
[17] Ara Dok LB 1 a fol. 55 tal-process.
[18] Ara Dok MG 1 a fol. 28 tal-process.
[19] Ara Dok MG 2 a fol. 29 tal-process.
[20] Ara Dok MG 4 afol. 30 tal-process.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet fuq il-provi prodotti, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-attrici ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp civili, li hija selfet lill-konvenuta l-ammont ta' €4560. L-obbligu li taghmel din il-prova kien jinkombi fuqha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tilqa' biss l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici limitatament fis-sens li tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici *in solidum* bejniethom is-somma ta' elf erba' mija u sittin Euro (€1460), bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dina l-kawza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, stante li kienet l-attrici li rrifjutat il-hlas minghad il-konvenuti tas-somma ta' elf erba' mija u sittin Euro (€1460).

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------